MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2003

Numru 725/1999

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH MERCIECA
VS
VICTOR MIFSUD

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Victor Mifsud ta' 46 sena bin il-mejjet Gaetano u Carmela nee Azzopardi imwieled ir-Rabat fil-21 ta' Settembru 1952 u li joqghod 88, Riebu Well Street, Rabat Malta ID 686852M talli fl-1 ta' Settembru 1999 ghal habta ta' 8.30am fil-parking place li hemm fi Triq il-Port Ruman, Qawra, ikkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq il-persuna ta' Natasha Bianchi ta' 15 il-sena, persuna li issofri minn disabilita mentali.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputat.

Rat il-verbal tal-24 t'April 2001 li fih l-imputat ma sabx oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija a fol 179 et seq.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiza a fol 189 et seq.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi fit-2 ta' Settembru 1999 fl-10am, PS614 informa lil ufficjal prosekutur Spettur Galea li l-gurnata ta' qabel fit-8.30pm minuri Natasha Bianchi kienet giet molestata sesswalment waqt li kienet ghaddejja fi Triq Port Ruman fejn il-parking area tal-Maltacom (ara fol 5 et seq).

Spettur Galea kellem lil minuri Natasha fil-presenza ta' ommha u informatu li waqt li kienet ghaddejja fejn il-car park fi triqtha ghal ghand il-grocer, giet imsejjha min ragel li kien f'karozza hamra marka Lada.

Meta sejjhilha, Natasha Bianchi marret hdejn il-karozza tieghu pero ma dahlitx fil-karozza. Dan ir-ragel messilha sidirha, idejha x-xellugija u u poggiha fuq il-parti genitali tieghu. Dan ir-ragel qalilha biex l-ghada terga tmur fl-istess post u wissieha ma tghid lil hadd.

Il-gurnata ta' wara, cioe it-2 ta' Settembru Natasha Bianchi qalet lil ommha b'dak li gara. Omm Natasha cemplet lil facilitator ta' bintha – certu Carmen Micallef Grimaud – facilitator mal-Eden Foundation.

Gie deciz li Natasha Bianchi, ommha u Carmen Micallef Grimaud jmorru fil-post fejn gara l-incident u hemmhekk Natasha gharrfet il-karozza hamra tal-marka Lada u wara marru l-ghassa tal-pulizija.

Spettur Galea baghat ghall-impuat u dan rrilaxxa stqarrija dok D a fol 9 et seq.

F’din l-istqarrija Mifsud nnega li huwa sejjah lill-minuri u li b’xi mod messha pero qal li f’dan il-perjodu huwa kien bhala impjegat tal-Gvern, jahdem f’dak il-lokal u li dak il-hin huwa kien fil-karozza u li kienet giet tifla u cekcket basket tal-plastic hdejn wiccu, li staqsieha fejn kienet sejra u li hija kienet sejra tixtri il-hobz u li hu rrispondieha “mur mela hi.”

Giet esebita il-fedina penali u c-certifikat tat-twelid tal-imputat.

PS614 Saviour Garzia (fol 15 et seq) xehed illi fit-2 ta’ Settembru kien dahal rapport ta’ indecent assault fuq il-minuri Natasha Bianchi u beda l-istharrig tieghu. Illi omm il-minuri kienet ghaddietlu in-numru tar-registrazzjoni tal-Lada hamra u Surgent Garzia sab li din tghajjat lill-imputat.

Illi l-imputat Mifsud kkonferma illi huwa kien qed jahdem fejn t-Telemalta Corporation pero innega l-allegazzjonijiet “pero imbaghad zied sentenza minn rghajh, qalli “Hi giet hdejja wara li marret ghall-hobz u ttantatni, mhux veru li qbadtilha xi parti minn gisimha”.

Esebixxa l-okkorrenza dok G a fol 22.

Mistoqsi kemm il-darba jirrizultalux li kienet il-minuri li infatti qabdet xi parti ta’ gisem l-imputat, Surgent Garzia xhed li l-imputat rrisponda “ hi ittantatni” u dana wara id-domanda jekk missiliex sidirha. Mistoqsi, Surgent Garzia xehed li l-imputat ma ghamel ebda rapport li l-minuri aggredietu jew immolestatu.

Garzia xehed li l-imputat kien qallu li kien fil-karozza sakemm jghaddi l-hin biex jidbdew ix-xoghlijiet li kellhom jsiru. Garzia kkonferma illi fit-2 ta’ Settembru l-imputat kien accetta li huwa kien fil-karozza nru IAS 638 fil-hin u fl-inhawi citati fl-akkuza.

Doris Bianchi a fol 23 et seq xhedet illi hija solitu tibghat lit-tfal ghal hobz ghal habta ta’ 8.30am. Illi dakinhar tal-incident kienet bghatet lil Natasha. Illi l-ghada Natasha fethet qalba maz-zija ta’ Doris Bianchi u ghalhekk ommha talbitha tghidilha x’kien gralha.

Omm Natasha kkonfermat r-rapport tal-ispettur Galea u cioe li Natasha giet imsejjha min ragel li kien f’karozza hamra bhal ta’ nannietha, li sejjahilha u stedina tidhol fil-karozza, li dan r–ragel messilha sidirha u weggaghha u talabha tmissu, u li l-minuri rrifjutat u  u qaltlu “pastaz”, li dan ir-ragel ried jwassalha hdejn id-drive in u l-minuri irrifjutat fejn l-istess ragel qalilha li jaraha l-ghada.

Doris Bianchi ikkonfermat illi hija, bintha Natasha u l-facilitator Carmen Micallef Grimaud  marru fuq il-post fid-disgha ta’ filghodu, u l-minuri indikat il-karozza pero ma kien hemm hadd fiha.

Doris Bianchi xehdet illi ghalkemm it-tifla taghha kellha certu diffikultajiet, pero’ rakkont taf tesprimieh.  Xehedt illi Natasha m’hijiex tifla li tigdeb, anzi tghid x’gara bl-akbar innocenza.

Doris Bianchi xehdet illi hija kienet nizlet in-numru tal-karozza indikata minn Natasha u f’xi n-nofsiegha regghet accediet fuq il-post ma’ zewgha pero’ l-karozza ma kienetx ghadha hemmhekk.  Mistoqsija mill-Qorti Doris Bianchi xehdet illi hija kienet tafda lil Natasha tmut tixtri mill-hanut, Scerri Bakery, ghaliex dan kien parti mit-training illi Natasha kienet qed tircievi sabiex hija tikseb mizura ta’ indipendenza.

Doris Bianchi xehedet illi pero’ wara dan l-incident hija kienet qed tibza’ tafda lil Natasha wahidha. Illi gie precizat hawnhekk illi Scerri Bakery, ghal liema hanut Natasha kienet destinata, huwa ftit minuti boghod minn darha, ara page 27.

Doris Bianchi xehedet illi Natasha kienet tattendi l-Eden Foundation ghal dawn l-ahhar erba’ snin qabel dan l-

incident u kienet ghamlet hafna progress, fis-sens li kienet tilbes u tinhasel wahidha, u tmur taghmel xi qadjiet zghar. In kontro-ezami Bianchi xehdet illi meta giet lura Natasha, hija (Doris), ma innotat xejn f'Natasha, ma rathiex disturbata fi hwejjigha jew b'xagharha mhabbel.

Doris Bianchi xehedet illi Natasha kienet ilha tmur tixtri, daqqa hi u daqqa ohtha, it-tliet xhur ta' dak is-Sajf. Mistoqsija, Bianchi xehedet illi bintha qaltilha li dan ir-ragel missilha sidirha u l-parti privata taghha b'idejh (ara fol. 31), u ma qabdilhiex idejha biex iqeghdhielha x'imkien partikolari.

Mistoqsija dwar kif giet ikkurata bintha wara dan l-incident, Doris Bianchi xehedet illi ma kienx hemm bzonn illi t-tifla jinghatalha xi medicinali, izda ovvjament kienet ghaddiet minn trawma.

PS 934 a fol. 36 et sequitur jikkonferma l-prezenza tieghu waqt it-tehid ta' l-istqarrija ta' l-imputat u gharaf il-firem. Huwa xehed ukoll illi kif il-minuri rat lill-imputat l-ghassa ta' l-pulizija "ingibdet lura, rajt dik ic-certa mossa." (ara fol. 37).

Dr David Cassar a fol. 42 et sequitur xehed illi l-minuri Natasha Bianchi issofri minn retardation mentali ta' natura hafifa. Xehed illi kienet kapaci fuq livell konnjettiv pero' limitata;  Memorja tajba, kapaci taghmel certu kalkoli, somom semplici, multiplications, kapaci tirraguna b'mod konkret, pero' fuq livell astratt kellha diffikultajiet.  Dr Cassar xehed illi Natasha Bianchi kienet taghraf il-hazin mit-tajjeb.  Qal li minhabba l-limitazzjonijiet mentali taghha pero' hija kienet vulnerabbli, fis-sens li tista' tigi nfluwenzata minn haddiehor, u kienet vulnerabbli ghall-abbuz.

Dr Cassar kien tal-fehma li Natasha Bianchi kienet kapaci tixhed f'dawn il-proceduri.  Mir-rapport tieghu johrog illi Natasha dejjem attendiet main stream education u sa Gunju, 2000 kienet ilha tattendi l-Eden Foundation ghal hames snin u nofs.

Illi fix-xhieda taghha l-minuri Natasha Bianchi a fol. 46 et sequitur (liema xhieda ttiehdet fil-prezenza tal-psikjatra Dr Cassar, u dana bi qbil ma’ l-partijiet fil-kawza – ara verbal a fol. 41), qalet illi hija kienet Form 5 fl-iskola taghha. Xehedet illi dakinhar ta’ l-incident hija kienet marret tixtri l-hobz fit-tmienja u nofs ta’ filghodu, “x’hin gejja waqqafni ragel, fetahli l-bieb, u qalli “idhol”. Dan ir-ragel kien f’karozza hamra”.

Mistoqsija x’gara wara li r-ragel fethilha l-bieba ta’ l-karozza, Natasha rrispondiet li “ghamilli hekk”, u missiet sidiriha u l-parti privata taghha. Natasha qalet li r-ragel ried iwassalha sad-drive in u li kien liebes qmis bajda u jeans blue. Li hija ma marritx mieghu u rritornat id-dar bil-mod wahidha. Il-minuri Bianchi xehedet illi dan ir-ragel kien sejhilha b’isimha. Natasha identifikat lill-imputat bhala l-persuna li “ghamillha hekk”.

Natasha xehedet illi biex marret tixtri hija kienet ghaddiet mill-eghlieqi ghax kien hemm anqas boghod. Meta marret id-dar Natasha qalet illi ma kellmet lil hadd, umbaghad qalet lil ommha u marru l-ghassa ta’ l-pulizija.

Brian Farrugia mill-Licensing and Testing Depatment xehed illi l-karozza IAS 638 marka Lada hamra kienet ta’ l-konvenut bil-partikolaritajiet indikati a fol. 54.

Denise Borg xehedet illi hija psikologa u tahdem fl-Eden Foundation Clinic, u kienet ilha taf lil Natasha Bianchi ghal tliet snin u nofs. Miss Borg xehedet fuq il-kapacitajiet ta’ Natasha:

“Hi d-diffikulta’ li ghandha hija relatata ma’ ecidemics, jigifieri bhala skola ghaliha mhux ser ikun process semplici… Id-diffikultajiet taghha huma per ezempju reasoning skills; Tghidilha xi haga u tahdimha f’mohha…… Pero’ bhala conversation jekk issaqsiha xi haga, tista’ tirrispondik.” – ara fol. 63.

Xehdet illi taf tirrakonta izda ma kienetx “street wise”. Mistoqsija dwar l-onesta’ taghha, Miss Borg tghid is-segwenti:

“Le, ma qbadthiex f’gidba, hi semplici hafna, mhix tip li ghandha l-hazen, lanqas xejn, anzi nahseb li l-problema taghha hija l-kuntrarju”. (fol. 63 / 64)

Dr Cassar a fol. 73 in kontro-ezami ma jistax jiftakar jekk saqsiex lil Natasha domandi fuq is-sess jew fuq is-sess maskil, u jekk kienetx tattendi a mixed school. Dr Cassar xehed illi r-reazzjoni ta’ Natasha ghal din l-esperjenza kienet wahda ta’ biza’. Dr Cassar gie wkoll mistoqsi jekk investigax il-manjiera li biha Natasha esternat din il-biza’, u kien irrisponda fin-negattiv.

Xehed illi hemm diversi reazzjonijiet ghal biza’, bhal per ezempju wiehed jghid “froze with fear”. Xehed illi l-fatt li Natasha ma tkellmitx fuq it-trawma mal-genituri taghha b’mod immedjat, ma jfisser xejn ghalih. Avolja Natasha kienet close ma’ ommha, hafna drabi jigri li f’nies normali dawn ma jifthux qalbhom man-nies li jkunu l-aktar close maghhom.

Dr Cassar fakkar lid-Difiza illi huwa kien gie nominat sabiex jezegwixxi ezami intiz biex jigu evalwati “cognitive levels” ta’ Natasha. Huwa afferma li fl-ambitu tal-Qrati, Natasha certament ma kienx ser thossha komda (ara fol. 77).

In kontro-ezami (ara fol. 81 et sequitur), Natasha xehedet illi qabel dan l-incident, hija kienet rat lill-imputat darb’ohra hdejn il-hanut (ta’ Ganni). F’din l-okkazjoni l-imputat kien fil-karozza tieghu, qalilha biex tidhol fil-karozza, izda hija ma dahlitx. Dan gara ftit jiem qabel ma gara t-tieni incident mertu ta’ din il-kawza, u l-gurnata kienet il-Gimgha. Natasha xehedet illi l-Erbgha ta’ wara gara dan l-incident.

Mistoqsija, Natasha qalet li anke f’dik l-okkazjoni hija ma kienetx qalet u ma wriet xejn lill-genituri taghha, pero’ qalet li hija kienet bezghet minnu anke dakinhar. Mitluba terga’ tghid x’kien ghamillha l-imputat fit-tieni okkazjoni, Natasha regghet tenniet li l-imputat missilha sidirha u l-parti privata taghha.

Mistoqsija jekk kienx ghajtilha b'isimha, Natasha innegat u qalet li kien qalilha biss il-kliem "idhol". Qalet li l-imputat kien baqa' fil-karozza tieghu. Xehedet illi huwa kien fetah il-passenger door u li hija f'ebda hin ma kienet dahlet jew poggiet fil-karozza tieghu. Mitluba mill-Qorti tispjega billi titrasferixxi l-azzjoni ta' l-imputat ghal fuq il-persuna tal-mama taghha, hija uriet lill-Qorti kif l-imputat tawwal idu u messha waqt illi fl-istess hin kien baqa' bil-qieghda (ara fol. 93).

Jose' Abela a fol. 94 li l-car number JAL 051 kienet ta' l-imputat.

Dr David Cassar a fol. 96 xehed illi ma kien ghamel ebda ezami dwar x'taf Natasha dwar is-sess, u dak li huwa projbit, ghaliex l-iskop ta' l-ezami tieghu kien biss illi jevalwa l-aspett konjittiv ta' l-minuri. Dr Cassar umbaghad gie mistoqsi sabiex jelabora fuq il-fatt li Natasha ma zvelatx l-esperjenza taghha mal-genituri taghha b'mod immedjat. Dr Cassar qal li nies normalissimi gieli jdumu anke ghoxrin sena biex jesternaw trawma, illi apparti dan seta' gara li Natasha ma rregistratx trawma fl-ewwel okkazjoni meta l-imputat qalilha biex tidhol fil-karozza tieghu.

Denise Borg in kontro-ezami a fol. 100 xehedet illi Natasha kienet tattendi skola illi hija bejn special school u bejn stream education, u li kellha impressjoni li din kienet a mixed school. Certament l-Eden Foundation Natasha kienet in a mixed environment. Xehedet illi Natasha kienet fi grupp ta' 14 as 17 year olds. Mitluba tghid jekk Natasha waslitx ghal xi forma ta' maturita' sesswali, Denise Borg tikkonferma li l-kazijiet ta' mental retardation, l-izvilupp emozzjonali, sesswali u ntelletwali jkunu delayed, (ara fol. 103), izda kull tifel ikun irid jigi assessjat individwalment, stante l-IQ taghhom ivarjaw minn 10 sa 75, li huwa l-low average fit-tfal normali.

L-imputat a fol. 109 xehed illi huwa kien impjegat mal-Gvern u kien jahdem bil-gaffa vicin tal-progett tal-Maltacom fil-Qawra. Xehed illi kien jasal fuq ix-xoghol fis-

sitta u nofs ta’ filghodu u jibda jiccekkja l-ingenji, pero’ kien jibda jahdem effettivament fit-8.30am minhabba li altrimenti l-hsejjes tal-gafef kienu jiddisturbaw lir-residenti u lit-turisti.

Illi ghar-rigward ta’ l-1 ta’ Settembru, 1999 l-imputat xehed illi sakemm sar il-hin sabiex jibda jahdem, bil-gaffa huwa kien mar fil-karozza IAS 638 hamra biex jiekol bicca hobz, ara fol. 112. “Umbaghad giet din it-tifla, iccekcek baskett tal-plastic ma’ wicci u jiena ghidtilha ‘fejn sejra hi?’ qaltli ‘ha mmur ghand Scerri ghall-hobz’. Ghidtilha ‘mela mur’. Hi telqet umbaghad rajt il-hin u ghidt ‘ghadu naqra ohra l-hin’, u wara ftit hrigt mill-karozza u mort biex nibda x-xoghol”.

L-imputat jinnega li mess lil Natasha jew li raha qabel id-data ta’ l-incident, innega li hareg mill-karozza jew li fetah il-bieba ta’ l-karozza. Jinnega wkoll illi stedienha taghmel xi haga.

Xehed illi ghalkemm ghandu karozza ohra, ‘l ghada mar ghax-xoghol bl-istess karozza hamra. Xehed illi apparti x-xoghol mal-Gvern huwa jaghmel xoghol part time ma’ huh f’kumpanija ta’ kostruzzjoni. Wara dan huwa jmur ir-razzett jaghlef il-fniek. Xehed illi huwa mizzewweg bi tliet itfal.

L-imputat qal li meta mar jahdem ghand huh ircieva telefonata minghand martu, u sar jaf illi rieduh l-ghassa ta’ l-pulizija fil-Qawra, u huwa haseb illi kienet fuq xi kwistjoni dwar il-gaffa. Illi ghalhekk meta mar l-ghassa fejn huwa kellem lis-surgent, umbaghad l-ispettur David Galea.

A fol. 117 / 119 l-imputat wara li nqratlu l-istqarrija, ikkonfermha bil-gurament tieghu. L-imputat umbaghad gie rinfaccat b’dak illi kien xehed is-surgent Garzia; Fis-sens illi Victor Mifsud kien qallu li Natasha kienet giet hdejh wara li marret ghall-hobz u kienet ittantatu. Ghal dan l-imputat xehed illi Natasha kienet ghaddiet minn hdejn il-karozza tieghu ghal habta tat-tmienja jew it-tmienja u kwart, cekckitlu l-baskett hdejn wiccu waqt li hu kien ghall-affari tieghu. Innega li huwa ghajtilha b’isimha

ghaliex qatt ma kien raha qabel. Xehed illi huwa kien ilu jahdem fuq dan il-progett aktar minn erba' snin, u li dejjem kien ipparkja l-car tieghu fl-istess akkwata.

In kontro-ezami l-imputat baqa' jsostni illi ghalkemm kien ilu jipparkja l-vettura bejn tlieta u erba' snin fl-istess post, qatt ma kien ra lil Natasha qabel l-incident. Lanqas kien jaf li kien hemm hanut li jahmi l-hobz, u li sar jaf li dan Scerri ghandu bar u restaurant wara l-incident. Xehed illi meta t-tifla ittantatu huwa kien bilqieghda wara l-isteering u t-tifla kienet cekckitlu baskett vojt; Illi t-tifla kien qalilha fejn sejra, flok il-kliem ibqa' sejra, "ghax hargitli hekk", ara fol. 126.
Isostni li huwa ma rax lill-minuri gejja lura minghand ta' l-hobz.

A fol. 131 l-imputat xehed illi ma kienx veru dak li kien qal is-surgent Garzia ghaliex Natasha ma kienetx giet hdejh wara li xtrat il-hobz, imma kienet telqet biex tixtri l-hobz, u meta marret biex tixtri l-hobz huwa dak il-hin kien irritorna ghax-xoghol.

Mistoqsi jekk qalx il-verzjoni tieghu dwar ic-cekcik tal-baskett tal-plastic lill-ispettur, l-imputat Mifsud jirrispondi fl-affermattiv. Innega wkoll illi huwa kien qal lill-ispettur Galea il-kelma "ittantatni".

In konfront bejn is-surgent 614 Saviour Garzia u l-imputat, Saviour Garzia meta gie mistoqsi mill-Qorti kien cert mill-kliem illi huwa kkwota illi qal l-imputat Mifsud. Saviour Garzia, PS 614 xehed is-segwenti:

"Iva jiena dejjem nikkwota l-persuni x'ikunu qaluli", ara fol. 139.

A fol. 141 pero' l-imputat jghid:

"jiena lis-surgent m'ghidtlux li ttantajtha jiena
Qorti: Le, mhux li ttantajtha int, li hi ttantatek.
Xhud: Hi ttantatni iva.
Qorti: Ghidtlu hekk?
Xhud: Le m'ghidtlux hekk".

A fol. 142 il-Qorti saqsiet lill-imputat:

“Lis-surgent ghidtlu fuq il-baskett, li cekckitlek xi haga?
Xhud: M’ghidtlux li cekckitli
Difiza: Imma lill-ispettur ghidtlu?
Xhud: Lill-ispettur iva.”

A fol. 144 is-surgent spjega kif sehhet l-affari ta’ l-identifikazzjoni ta’ l-imputat mill-minuri Natasha.

L-ispettur David Galea a fol. 157 et sequitur jikkonferma x-xhieda tieghu u qal li r-rapport kien sar mit-tifla, minn ommha u mis-social worker. Ghal karozza, l-ispettur Galea qal illi l-pulizija kienet waslet ghall-imputat stante li t-tifla kienet indikat li l-karozza kienet hamra, kienet urietha lil ommha u lis-social workers qabel ma gew jaghmlu r-rapport l-ghassa u huma kienu hadu n-number plate.

L-ispettur David Galea xehed illi principalment it-tifla kienet qed titkellem, b’ommha tghid il-parti taghha u l-facilitator fil-fatt ma tantx tkellmet. Mistoqsi kienx talab lil Natasha tghid ‘il ghaliex ma kienetx informat lil ommha u lil missierha immedjatament, l-ispettur Galea jghid illi fil-fatt huwa kien ghamel dawn id-domandi lil Natasha, u li hija kienet irrispondiet illi kienet imbarazzata u ghalhekk damet biex tghidilhom.

L-ispettur Galea kkonferma dak li kienet qaltlu t-tifla dwar fejn kien bilqieghda l-imputat fil-karozza, pero’ ma setax jiftakar jekk l-imputat kienx fetah il-bieba tad-driver side jew tal-passenger side. L-ispettur xehed illi Natasha kienet qaltlu li wara l-incident kienet hasset ruhha konfuza u marret id-dar, pero’ ma qaltlux li kienet marret tigri lejn id-dar, u li kienet diga’ xtrat il-hobz.

Martin Cassar a fol. 168, technical officer ma’ l-public works xehed illi l-imputat kien jahdem mal-Gvern bhala stone dresser u li kienu stazzjonati fuq progett fil-Qawra. Xehed illi l-hinijiet huma fis-sitta u nofs ta’ filghodu fis-Sajf, pero’ ghandhom ordni li l-ingenji jistartjawhom bsis wara t-

tmienja u nofs.  Huwa xehed illi minhabba dan huwa kien jghid lill-imputat biex jiehu l-break sat-tmienja u nofs halli umbaghad meta jibda x-xoghol jibqa' ghaddej, u li mis-sitta u nofs sat-tmienja u nofs l-imputat kien ikun qieghed fil-parking li hemm hdejn l-ufficini tal-Maltacom, u li l-karozza tieghu hija Lada hamra.

Xehed illi ma kellu l-ebda ilment fuq l-imputat bhala haddiem.

Fr Adriano Giuseppe Cachia a fol. 174 et sequitur xehed illi jaf lil Victor Mifsud u l-familja u lil hutu u l-familja tieghu kollha, u jafu bhala bniedem tal-familja minn xoghol ghal xoghol.  Xehed ukoll illi huwa jaf illi l-imputat qieghed sew mal-mara tieghu, u hija tissapportjah f'din il-kwistjoni totalment.

Illi mix-xhieda tal-ex PS924 Michael Buttigieg jirrizulta illi Natasha kienet giet flimkien mal-mama taghha l-ghassa tal-pulizija waqt li l-imputat kien qieghed bil-qeghda fuq il-bank taht it-tarag. Illi is-Surgent kien ser jtella lit-tifla fejn l-ispettur meta din rat lill-imputat u marret lura hdejn ommha. Dan ix-xhieda ikkonferma li ma saretx identification parade f'dan il-kaz u qal li kellu impressjoni li l-istqarrija tal-imputat ittiehdet l-ghada.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat taht l-artikolu 207 tal-Kodici Kriminali (ara artikoli ta' l-Avukat Generali a fol. 66 tal-process), liema artikolu jipprovdi:

"Whosoever shall be guilty of any violent indecent assault which does not in itself constitute any of the crimes either completed or attempted, referred to in the proceeding articles of this sub title, shall, on conviction, be liable to imprisonment for a term from three months to one year.

Provided that in the cases referred to in article 202, the punishment shall be increased by one degree."

Ic-cirkostanzi li jistghu jaggravaw il-piena f'dan il-kaz huma dawk kontemplati fl-artikolu 202, illi jitkellem dwar zieda tal-piena bi grad:
a. When the offender has availed himself of his capacity of public officer, or when the offender is a servant of the injured party, with salary or other remuneration;

Illi imbaghad l-artikolu 201 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

"Unlawful carnal knowledge and any other indecent assault shall be presumed to be accompanied with violence:– a). when it is committed on a person under twelve years of age; b). when the person abused was unable to offer any resistance owing to physical or mental infirmity, or any other cause independent of the act of the offender or in consequence of any fraudulent device used by the offender."

Dawn huma l-binarji legali li jinkwadraw dan il-kaz.

Illi l-Qorti bdiet l-ezami taghha billi analizzat ix-xhieda ta' Dr Cassar a rigward il-kompetenza tax-xhud Natasha Bianchi.

Illi mix-xhieda tieghu jirrizulta b'mod ampju u siccome ix-xhud tbati min retardation hafifa, huwa kien tal-fehma illi il-cognative level taghha twassal ghal kompetenza taghha bhala xhud.

Illi apparti din ix-xhieda, hemm ix-xhieda ta' Denise Borg, Psikologa, li hija sinifikanti wkoll fl-asserzjoni taghha dwar l-onesta u l-ingenwita ta' Natasha Bianchi fejn qieset illi l-akbar problema li ghandha kienet il-buonta taghha. Illi ghalhekk in vista tar-rapport ta' Dr Cassar u t-testimonjanza tieghu kif wkoll it-testimonajzna ta' Psikologa Denise Borg, din il-Qorti ma tarax kif tista taghmel altru milli tiddikjara din ix-xhud bhala wiehed kompetenti.

X'inhuma l-fatti speci ta' dan il-kaz?

Fil-kaz in ezami il-Prosekuzzjoni u d-Difiza jaghtu rakkonti kompletament diversi;  Ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' Natasha, l-genituri taghha, il-pulizija, il-facilitator jibnu l-kaz ghall-prosekuzzjoni, waqt illi l-imputat minn naha l-ohra jinnega l-incident kollu.

Illi ghaldaqstant dan il-kaz huwa wiehed illi jrid jigi deciz fuq il-kredibilita’ o meno ta’ xhieda ta’ dan il-kaz.  Illi l-kredibilita’ bhala materja krucjali ghal dan il-kaz ghandha importanza  akbar  minhabba l-fatt li si tratta ta’ minuri ta’ hmistax –il sena li ssofri minn mild mental retardation.

Illi ghalhekk f’tali cirkostanzi l-Qorti ghandha l-artikolu 637 tal-Kapitolu 9 ta’ l-Ligijiet ta’ Malta bhala l-gwida taghha, u dan jiddeponi s-segwenti:

“Any objection from any of the parties referred in articles ….. shall effect only the credibility of the witnesses as to which the decision shall lie in the discretion of those who have to judge the facts, regard being held to the demeanour conduct, character of the witness, to the probability, consistency and other features of his statements, to the corraboration which may be forthcoming from other testimony and to all the circumstances of the case”.

Illi din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa x-xhieda kollha ta’ dan il-kaz fid-dettal hija tal-fehma illi x-xhieda ta’ Natasha Bianchi hija kredibbli u ghandha mis-sewwa. Dana qieghed jinghad ghaliex kuntrarjament ghal dak li gie sollevat fin-nota ta’ sottomissjonijiet tad-Difiza, ix-xhieda ta’ Natasha Bianchi fis-semplicita’ taghha hija wahda konsistenti, hlief ghal aspett wiehed meta tghid illi l-imputat kien ghajtilha b’isimha waqt li f’parti ohra tghid illi fil-fatt m’ghajtilhiex b’isimha l-imputat.

Ic-cirkostanzi l-ohra kollha citati mid-Difiza bhala inkonsistenza ta’ Natasha, ma jistghux jitqiesu bhala inkonsistenzi tax-xhieda taghha izda jistghu jigu imputabbli ghal nuqqas ta’ korroborazzjoni jew  nuqqas ta’ disclosure of facts.

Hekk per ezempju in-numru 4 tan-nota tad-Difiza a fol. 190, jimputa fuq Natasha l-inkonsistenza max-xhieda t'ommha. Il-Qorti taghmilha cara illi x-xhieda ta' Doris Bianchi hija dik li hi, u din il-Qorti ghamlet rakkont dettaljat f'hiex tikkonsisti. Ir-rakkont ta' Natasha gie trattat bl-istess manjiera. Il-fatt li il-minuri qalet lil ommha affarijiet aktar milli qalet quddiem din il-Qorti, ma jfissirx li hemm inkonsistenza fix-xhieda ta' Natasha. Ikun hemm inkonsistenza fix-xhieda meta x-xhieda tigi kontradetta mix-xhud stess – jista jkun hemm nuqqas ta' korroborazzjoni..

Id-difiza tilmenta bil-qawwi li Natasha ma zvelatx illi hamest ijiem qabel l-incident, u cioe' nhar il-Gimgha qabel l-incident li gara fid-data citat fl-akkuza li nzertat li kienet l-Erbgha, Natasha tghid illi kienet rat lill-imputat bil-karozza tieghu, illi dan qalilha l-kliem "idhol".

Id-difiza tiklassifika din ix-xhieda ta' Natasha bhala inkonsistenza gwappa.

Din il-Qorti in vista tax-xhieda ta' dan il-kaz, bl-ebda mod ma taccetta l-klassifikazzjoni tad-difiza ta' din ix-xhieda bhala wahda ta' inkonsistenza. Ir-raguni ghaliex Natasha Bianchi zvelat din ix-xhieda quddiem il-Qorti tista tkun imputabbli ghal diversi cirkostanzi, fosthom forsi li hadd qatt ma saqsiha tali domanda. Hi x'inhi r-raguni, certament tali xhieda ma tistax titqies bhala wahda ta' semplici inkonsistenza.

Illi f'paragrafu 12 ta' fol. 192 tan-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiza, l-istess Difiza tirribatti li l-crux ta' din il-vertenza tinstab fl-impossibilita' ta' dak li tirrakkonta Natasha Bianchi. Dan ragjonat fis-sens illi l-imputat bilqieghda fid-driver seat bil-bieba tal-passenger miftuha, kien fl-impossibilita' li jaghmel il-mossi li bihom jinstab mixli fuq il-minuri Natasha.

Illi ghar-rigward tal-mekkanika tar-reat fuq eskuss din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn taghmel xejn altru milli taccenna ghax-xhieda a fol. 92 u 93 fejn din il-Qorti talbet lill-minuri tirrexta x'ghamel l-imputat fuqha waqt li hu kien

fil-karozza, billi titrasferixxi dana kollu fuq il-mama taghha li kienet prezenti fl-Awla. Din ir-rexta ta' Natasha kienet wahda krucjali, u l-minuri sempliciment ghamlet dawk il-mossi li l-Qorti tat rakkont taghhom step by step.

Il-Qorti trid tippreciza li hawn si tratta ta' l-imputat b'karozza zghira tal-marka Lada, u mhux xi karozza spazjuza bhal xi Mercedes.

Illi d-Difiza tilmenta wkoll illi fir-rakkont li ta l-ispettur David Galea hemm ukoll inkonsistenzi ta' natura fundamentali. Bir-rispett kollu din il-Qorti rat bir-reqqa ix-xhieda ta' l-ex spettur David Galea li kien ilu nieqes mill-Korp tal-Pulizija ghal zmien konsiderevoli qabel ma ta x-xhieda tieghu, u li spjega li ghaldaqstant ma setax jaghmel riferenza ghal xi notamenti li setghu kienu fil-file tieghu biex jirrinfriska l-memorja tieghu, u x-xhieda tieghu ma kienet preciza assolutament xejn, u ghaldaqstant din ix-xhieda l-Qorti ma tantx tista' sserrah fuqha.

Id-Difiza imbaghad tilmenta illi l-ġenituri ta' Natasha ma nnotaw xejn differenti dwar Natasha, u allura dan l-incident b'xi mod jimmilita kontra l-kredibilita' ta' l-istess rakkont ta' Natasha, ara paragrafu 16 a fol. 198.

Illi bir-rispett kollu din il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tikkondividi ma' dan ir-ragunament *multo magis* wara x-xhieda ta' Dr David Cassar illi ikkonferma li anke f'nies normalissimi jigri li jdumu ma jesternaw esperjenza jew trawma kerha ghal ghoxrin sena, u li l-fatt li Natasha Bianchi ma fethitx qalbha ma' l-genituri taghha b'mod immedjat ma jfisser xejn. Di Piu Natasha Bianchi infurmata lill-genituri taghha <u>gurnata</u> wara.

Illi din il-Qorti kellha l-opportunita' u dana mhux f'okkazjoni wahda, illi tisma' u tara l-komportament ta' Natasha Bianchi meta kienet qed taghti l-istorja taghha fil-Qorti, u hi ta' l-opinjoni li ghandha tippreciza li Natasha Bianchi hija tifla li tbaghti minn mild mental retardation, hija tifla kwieta u onesta' u pjuttost timida. Fil-fatt hija tifla bla ebda hazen fis-sens ta' malizia. Tifla pero' li taghraf il-hazin mit-tajjeb.

Matul it-testimonjanza taghha din il-Qorti kienet impressjonata b'dan il-fattur ewlieni, u bil-konvinzjoni qawwija ta' din il-minuri li l-imputat kien ghamel xi haga pastaza fil-konfront taghha.

Illi l-imputat minn naha l-ohra, ghalkemm jichad b'mod kategoriku li hu mess lil Natasha Bianchi, ghandu rakkont illi jbaghti mill-verosimiljanza. Illi l-imputat a tempo vergine jghid (ara Dokument D1 a fol.9) "waqt li kont qieghed fil-karozza giet tifla u cekcket baskett tal-plastic hdejn wicci. Jiena saqsejtha fejn kienet sejra, u hi wegbitni li kienet sejra ghand Scerri ghall-hobz".

Illi dan ir-rakkont ta' l-imputat rega' gie konfermat quddiem din il-Qorti, ara fol. 113 tal-process.

Minn dan ir-rakkont johrog il-fatt illi Natasha Bianchi kienet ghadha ma marritx tixtri l-hobz meta iltaqghet ma' l-imputat, mentri l-fatti kollha juru li Natasha kienet gejja minghand tal-hobz wara li kienet diga' xtratu meta gara l-incident.

Illi di piu' l-imputat isostni illi huwa ma qalx lis-surgent illi t-tifla ittantatu u dana jichdu diversi drabi matul il-konfront illi sar bejnu u bejn is-surgent Garcia, (ara fol. 132 et sequitu). Izda a fol. 120 jghid is-segwenti:

"U x'qaltlek li ser taghmel?
Imputat: Xejn, cekckitli l-baskett u qaltli li sejra tixtri l-hobz.
Difiza: Issa meta tghid 'ittantatni', x'ridt tghid biha? F'liema sens?
Imputat: Ghax cekckitli l-baskett hdejn wicci u jiena kont qieghed hemm ghall-affari tieghi".

Izda a fol. 129 jinnega li s-surgent Garcia saqsieh aktar minn domanda wahda, u jinnega wkoll illi lis-surgent Garcia huwa qallu il-kliem li kienet it-tifla li ttantatu, u illi ma kienx veru li huwa qabdilha xi parti minn gisimha.

Dan huwa michud b'mod vociferu mix-xhieda tas-surgent Garcia kif ukoll fix-xhieda tieghu, waqt il-konfront li sar bejnu u bejn l-imputat fejn jghid illi huwa nizzel il-kliem verbatim ta' l-imputat fl-okkorrenza tieghu, li giet maghmula dak il-lejl stess ta' l-incident.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-insjem kollu tax-xhieda, il-manjiera li biha ikkomportaw ruhhom ix-xhieda ewlenin ta' dan il-kaz, hi tal-fehma illi ix-xhieda tal-minuri Natasha Bianchi ghandha mis-sewwa, hija konsistenti u minkejja id-domandi f'kontro ezami intensiv din il-minuri minkejja il-mental retardation li minnha tbati baqghet izzomm ferm mal-essenzjal tar-rakkont taghha u din il-Qorti rat mil-qrieb il-konvinzjoni rezoluta ta' din il-minuri illi gharfet  li l-imputat kien agixxa b'mod "pastaz" maghha.

Dan irid jigi abbinat max-xhieda ta' Dr Cassar u tal-Psikologa Denise Borg illi fuq banda wahda affermaw il-kompetenza tax-xhud biex taghti t-testimonjanza taghha fi proceduri kriminali u fuq l-att l-iehor il-mankanza ta' malizja tal-istess Natasha Bianchi fejn il-problema taghha giet individwalizzata bhala dik li tikkoncerna il-genwinita taghha.

Illi d-Difiza imbaghad tilmenta li ma sarx identification parade u l-minuri Natasha Bianchi giet imhollija tara lill-imputat diversi drabi l-Qorti waqt li kienet qed tistenna ghas-seduti, u dan b'xi mod irrienforza l-mod kif tat it-testimonjanza taghha.

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti ma tista' bl-ebda mod taghti affidament ghal dan ir-ragunament ghaliex l-imputat ma giex mixli b'dawn ir-reati fuq semplici identifikazzjoni minn Natasha.  L-imputat gie mixli b'dawn l-akkuzi minhabba li Natasha gharfet il-karozza ta' l-imputat, uriethom lil ommha, din hadet in-number plate ta' l-imputat, u minn dan in-number plate ta' l-imputat il-pulizija skoprew l-identita' ta' l-imputat u baghtu ghalih.

Illi meta sar dan, il-minuri b'kumbinazzjoni ltaqghet ma' l-imputat fl-ghassa ta' l-pulizija u dehret li hadet qatgha.

Illi ghaldaqstant ma fadal xejn ghajr li l-fatti ta' dan il-kaz jigu applikati ghall-Ligi fuq citata.

Illi huwa ovvju f'dan il-kaz minn dak li xehed Dr Cassar illi Natasha mhux biss hija minuri izda hija tikkwalifika ghal dak li hu mahsub fl-artikolu 201 (b), fejn allura hemm il-presunzjoni tal-vjolenza.

Illi l-elementi kollha tar-reat mahsub taht l-artikolu 207 tal-Kap 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta jikkonkorru ghal dak li jirrigwardja "indecent assault" ghar-rigward ta' dawk l-azzjonijiet illi Natasha Bianchi tghid li ghamillha l-imputat fuq il-persuna taghha. Illi pero' dan ma jistax jinghad ghal dak illi jirrigwarda l-aggravating circumstances elenkati taht l-artikolu 202 tal-Kapitolu 9 ta' l-Ligijiet ta' Malta. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm l-imputat huwa public officer, u dan gie pruvat sodisfacentement, il-fatt speci ta' l-kaz m'humiex talli li juri illi meta gie kommess dan ir-reat l-imputat "availed himself of his capacity of public officer".

Infatti l-fatti speci ta' l-kaz juru stampa kompletament diversa u huma tali li l-mistier ta' public officer ma ccentra xejn fuq il-manjiera jew il-facilita' li bih sehh dan ir-reat.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-artikolu 207 u 201 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal disa' xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------